FKNK

**L-Insib – Il-Gvern jinjora wkoll Membru Parlamentari tal-Partit tiegħu stess**

Waqt program televiżiv fuq l-istazjon nazzjonali l-Onorevoli Franco Debono stqarr li kien ressaq pjan lill-Gvern sabiex permezz tiegħu tkun tista' titkompla l-prattika soċjo-kulturali u tradizzjonali ta' l-insib, anki fi ħdan il-qafas ta' l-Unjoni Ewropea (UE) u qal ukoll li ħadd mill-amministrazzjoni tal-Gvern ma ta kasu.

Dan il-fatt biss, li xi ħadd fil-Gvern ta każ ta' din il-problema li qegħda tikkrea tant sofferenza lill-membri nassaba tal-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), tkompli tikkonferma li l-insib mhux biss possibbli, anki fi ħdan l-UE, iżda ssaħħaħ it-teżi tal-FKNK li ir-raġuni għaliex għada ma ġietx applikata deroga fuq l-insib hi għax il-Gvern mhux lest li jagħmilha.

Xhieda ta' dan il-fatt hu li l-Gvern iddeċieda arbitrarjament u illoġikament li lanqas jiftaħ staġun 2011/2 għall-insib tal-pluvieri filwaqt li setgħet issir kaċċa fuq l-istess speċi fi Stati Membri oħra nkluż f'Malta.

l-FKNK tikkonferma li f'dawn l-aħħar snin, uffiċjali tagħha kellhom diversi laqgħat ma l-Onor. Debono fuq ċertu proġetti, u tista' tixhed li hu ħadem bis-sħiħ minkejja l-problemi kollha li qalgħu certi entitajiet biex ixekklu tali proġetti.

L-FKNK tistenna li l-Gvern jagħti każ b'mod urġenti tal-pjan ta' l-Onor. Debono b'hekk illi l-istess Gvern ikun qed jidher li jrid verament jagħti spazju legali għall-insib, partikolarment dak ta' l-għasafar ta' l-għana u mhux li jabolixxi kull tip ta' nsib, kif qed jixdhu l-fatti sallum.

Il-Federazzjoni tibqa' disponibbli sabiex tiddiskuti, tagħti pariri u ssaħaħ r-rapporti li diġa bagħtet lill-Gvern dwar dan is-suġġett meta tiġi hekk mitluba mill-Gvern.

Daniel Xriha
Għas-Segretarjat